**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-4 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 347/2014 u 350/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Donna Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Donna Sciberras detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 358094M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fl-24 ta' Frar 2013, minn Triq Gublew tal-Fidda Birgu, f'hin mhux maghruf, serqet vettura ta' ghamla Isuzu Gemini numru ta' reg. IAG 343, *stereo* tal-karozza ta' marka mhux maghrufa, pompa ta' *tyres*, diversi ghodda ta' l-idejn, erba' (4) *seats* ta' l-imsemmija vettura u kif ukoll diversi partijiet mill-istess vettura liema serq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur u li

sar ghad-dannu ta' certu Tommy Saliba, Karta ta' Identita' Numru 0275365(M) u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghet ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin (€116.47) fuq vettura ta' ghamla Isuzu Gemini numru ta' reg. IAG 343 ghad-dannu ta' Tommy Saliba u/jew persuna/i ohra;

4. F`din id-data, hin, post u cirkostanzi saqet vettura b`numru ta` registrazzjoni IAG 343 ta` ghamla Isuzu Gemini minghajr ma kienet koperta b`polza ta` assikurazzjoni ghal terzi persuni;

5. Sar uzu mill-vettura ta' ghamla Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni IAG 343 liema vettura tghajjat lil Tommy Saliba u/jew persuna/i ohra;

6. Fl-21 ta' Awwissu 2014 u fil-granet ta' qabel f'dawn il- Gzejjer, f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

7. Ikkommettiet reat waqt il-perjodu ta' liberazzjoni kkondizzjonata jew ta' *Probation* moghtija nhar it-18 ta' Lulju 2013 mill- Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D u dan bi ksur ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Irrendiet ruhha recediva b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu (Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Awwissu, 2014, li biha wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta'

Donna Sciberras, wara ammissjoni tal-imputazzjonijiet l-ohra u wara li rat Artikoli 17(h), 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267, 325(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha (ghajr ghall-ewwel (1) imputazzjoni) u filwaqt li fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, ghazlet li ma titrattax maghha ghar-reati meta hija nghatat l-ordni hemm indikata, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha li hija nstabet hatja taghhom ikkundannatha ghal perijodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija.

Il-Qorti ordnat wkoll li l-imputata tkun skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal zmien ta' tlitt (3) snin li bdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' l-ghada.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 t'Awissu 2014 li bih talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi <u>tikkonferma</u> dik il-parti fejn Donna Sciberras instabet hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u fejn il-Qorti erogat l-piena ta' erbgha u ghoxrin xahar prigunerija fil-konfront taghha, filwaqt illi <u>tirrevoka</u> biss dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ghazlet li ma titrattax mal-appellata dwar l-ordni ta' probation datat t-tmintax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax u minflok tghaddi sabiex titratta maghha rigward l-istess ordni billi tghaddi sabiex tinfliggi piena skond il-ligi relevanti kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Donna Sciberras, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Settembru, 2014, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tat-tieni u t-tielet, ir-raba', il-

ħames, is-sitt u tmien akkuża, u li ġiet liberata mill-ewwel u s-seba' akkuża, iżda tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Donna Sciberras esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern hemm zewg appelli w t-tnejn, tista' tghid, rigwardanti l-piena kominata. Filwaqt illi l-appellanta targumenta favur piena aktar ekwa u gusta, l-Avukat Generali jikkontendi li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tghazel li ma titrattax mal-appellata dwar ir-reati li dwarhom kienet illiberata b'kundizzjoni, riferibilment dwar is-seba' imputazzjoni u ghalhekk talab li l-appellata tinghata piena ukoll dwar is-seba' imputazzjoni. Ma' dawn l-gravami, din il-Qorti *ex officio* tissolleva ukoll illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni. Wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-ewwel imputazzjoni kienet alternattiva ghat-tieni wahda, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi biex tiddetermina dik l-imputazzjoni jew billi ssib htija jew billi tillibera u f'dan il-kaz la sabet htija fuq it-tieni imputazzjoni wara ammissjoni kellha tillibera. Din il-Qorti ghalhekk *in primis* qed tddikjara n-nullita' parzjali tas-sentenza appellata u ser tirrimedja ghall-istess billi tghaddi biex tillibera lill-appelata mill-ewwel imputazzjoni;

Illi miz-zewg appelli interposti huwa evidenti li dak tal-Avukat Generali ghandu jkun deciz *in primis*. L-gravam tal-appell ma ghandu bzonn ta' ebda konsiderazzjoni funditus ghaliex huwa wiehed gia akkolt minn sensiela ta' sentenzi in rigward. L-Avukat Generali ghandu ragun meta jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tghazel li ma titrattax mal-appellata dwar is-seba imputazzjoni. Ma kienx bizzejjed li ssibha hatja u thalli s-sitwazzjoni hekk

minghajr ma timponi dik is-sanzjoni mitluba bil-ligi, igifieri l-artikolu 23 ta' Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Kif riprodott *supra*, is-seba imputazzjoni kontra l-appellata kienet dwar li kkommettiet reat waqt il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jew ta' *Probation* moghtija nhar it-18 ta' Lulju 2013 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. L-appellata kienet ukoll ammettiet ghal din l-imputazzjoni izda l-Magistrat decident fil-prim'istanza, ghad illi sab htija ukoll f'din l-imputazzjoni ghazel li ma jitrattax maghha ghar-reati ta' meta kienet inghatat dik l-ordni. L-artikolu 23 tal-Kapitolu 446, mertu tas-seba imputazzjoni, jirravviza s-segwenti:

*23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkun sar xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***tista*** *(sottolinear tal-Qorti) tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"*

Issa, kif gia inghad, huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza illi l-unika interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-kelma "tista" hi biss li l-Qorti ghandha titratta mal-hati daqs li kieku dik il-persuna kienet ghadha kemm kienet misjuba hatja quddiemha. Dik il-Qorti ma jkollha l-ebda ghazla hlief li titratta mal-persuna originarjament misjuba hatja tal-imputazzjonijiet li dwarhom kienet inghatat l-ordni ta' liberazzjoni jew ta' *Probation* jew ta' servizz fil-komunita'. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tittanta tqanqal spustament ta' din l-interpretazzjoni. Huwa ghalhekk illi l-Avukat Generali ghandu ragun fil-gravam singolari tieghu u din il-Qorti ser tghaddi ukoll biex titratta mal-appellata dwar dan wara li tikkonsidra l-appell minnha interpost;

Ikkunsidrat inoltre illi Donna Sciberras ukoll hassitha aggravata dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Ir-raguni minnha moghtija izda thalli lil din il-Qorti xi ftit jew wisq perplessa meta tghid hekk: *"Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-piena, peress li l-Ewwel Qorti ma hadietx inkonsiderazzjoni l-partecipazzjoni tal-appellant fl-incidenti. Fil-fatt meta wiehed jara l-atti tal-process isib li kien hemm persuni li hadu vantagg tal-appellant u dahhluh fiha. Bi ftit flus li kellha sabet li kienet xtrat vettura misruqa u ma kienitx taf se taghmel. Ta' dan inghatat sentenza ta' prigunerija effettiva.*

*Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellanta ghandha problema ta' droga, izda setghet saret pre-sentencing report sabiex l-Ewwel Qorti ikollha stampa cara u kompleta tal-appellanta, specjalment l-akkuzi 1 sa 4 ma kienitx dovuta mill-problema ta' droga, izda sfortuna ta' dak li gara.".* Ezaminati l-atti bir-reqqa, dak allegat mill-appellanta ma jirraffigura mkien. Id-diskrezzjoni tal-Magistrat decident fl-erogazzjoni tal-piena ghalhekk mghandhiex ghalfejn tkun disturbata minn din il-Qorti anke ghaliex mhux normali li dan isehh la darba l-piena hekk kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata. L-appell ta' Donna Sciberras ghalhekk ma jistghax ikun akkolt;

Kwantu ghal-piena dwar is-seba imputazzjoni li dwarha l-Ewwel Qorti minkejja li sabet htija fl-appellata ghazlet li ma titrattax maghha, jemergi illi din tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Lulju 2013. B'dik is-sentenza l-appellata kienet misjuba hatja ta' komplicita' f'serq ta' vettura, hatja ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur u bil-mezz; hatja ta' komplicita' f'serq ta' handbag kontenenti flus kontanti u xi effetti personali kif ukoll hatja tal-addebitu tar-recidiva u dwar dan kienet illiberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tlett snin minn dakinhar, liema kondizzjoni hija kissret bil-kommissjoni tad-delitt enumerat bhala imputazzjoni numru 6 fil-kaz in dizamina igifieri dak kommess fil-21 t'Awissu 2014. L-ewwel zewg imputazzjonijiet , igifieri s-serq tal-vettura u l-

attentat ta' serq taghha, allura prezumibilment imputazzjoni alternattiva, jirreferu ghat-13 ta' Mejju 2013 filwaqt illi t-tielet imputazzjoni, dik tas-serq tal-handbag tirreferi ghas-17 ta' Lulju 2013. B' dan l-appellata kienet soggetta ghal-piena ta' prigunerija bejn hames xhur u tlett snin wahidha fuq it-tielet akkuza f'dak il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu din il-konsiderazzjoni fil-parti konklussiva ta' dan l-appell;

Ghal dawn il-motivi, wara il-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell bil mod segwenti:

a) Kwantu ghal-dak sollevat minn din il-Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni, ma ssibx htija fl-appellanta Donna Sciberras u tilliberaha mill-istess imputazzjoni;
b) kwantu ghall-appell interpost minn Donna Sciberras, tichad dan l-appell;
c) kwantu ghall-appell interpost mill-Avukat Generali, tilqa' l-appell u ghalhekk qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellata f'kull imputazzjoni hlief ghall-ewwel wahda kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellata ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba u ghoxrin xahar; tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ghazlet li ma titrattax mal-appellata dwar is-seba akkuza u konsegwentement issa titratta mal-appellata dwar il-piena ghar-reati li taghhom instabet hatja fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013 billi tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena (1) liema perjodu ghandu jizdied ma' dak appena konfermat ta' erba u ghoxrin xahar b'total ghalhekk ta' tlett snin prigunerija.

L-effetti u ordnijiet l-ohra maghmula mill-Ewwel Qorti u mhux milquta minn dawn l-appelli jibqghu kif maghmula mill-istess Qorti.